Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Marzu 2024
(OR. en)

PUBLIC

| |
|---|
| **Fajl Interistituzzjonali:** |
| **2023/0259(NLE)** |

**7293/24**
**ADD 2**

**LIMITE**

**POLCOM 83**
**SERVICES 17**
**FDI 24**
**COLAC 30**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 11667/23 and 11668/23 + ADD 1-2 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì<br>- *Adozzjoni* |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

1. Il-Greċja tirrikonoxxi l-importanza politika u ekonomika tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċilì.

2. Il-Greċja tissottolinja l-importanza li tagħti lill-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-prattika tar-reġistrazzjoni ta' trademarks in mala fide, li ddgħajjef l-implimentazzjoni effettiva tal-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi prevista fil-Ftehim.

3. Il-Greċja tistenna li ċ-Ċilì, filwaqt li jaġixxi in bona fide, ser jikkonforma mal-impenn meħud fl-ittra tal-Aġent Ministru għall-Affarijiet Barranin fit-28 ta' Frar 2022, li skontha d-deċiżjoni finali dwar l-oġġezzjonijiet għall-applikazzjonijiet għat-trademarks tkun ittieħdet qabel l-iffirmar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni modernizzat bejn l-UE u ċ-Ċilì u r-riżultati ta' dan il-proċess ikunu ġew ikkomunikati lill-UE.

4. Il-Greċja tappella lill-Kummissjoni biex tkompli bl-isforzi tagħha biex tindirizza l-kwistjoni fil-kuntest tal-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-Ftehim.

PUBLIC